# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 8 ta' Ottubru 2001**

**Avviz. numru 477/01**

**Numru 29**

**U.C.I.M. Co Ltd**

**vs**

**Jason Calleja**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' hames mija u tmenin lira (Lm580) rappresentanti import ta' sitt (6) kambjali, hamsa ta' Lm94 il-wahda u l-ohra ta' Lm110, debitament accettati u skaduti minn Awissu 2000 sa Jannar 2001 rispettivament u mhux imhallsa, annessi mal-avviz bhala dokumenti numri minn 1 sa 6 konsekuttivament u inklusivament. Bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sas-16 ta' April 2001 jammontaw ghal Lm26, oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-14 ta' Marzu 2001 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat l-annessi kambjalijiet minn fol 1B sa 6 tal-atti.

Wara li rat in-nota tas-socjeta' attrici tas-26 ta' Settembru 2001 li biha l-ammont mitlub gie ridott ghal Lm229.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fis-26 ta' Settembru 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm229.00,0 bl-imghax legali, ammontanti ghal Lm26, dovut sas-16 ta' April 2001 kif ukoll l-imghax ulterjuri skond il-ligi mill-17 ta' April 2001 sad-data tal-pagament effettiv fuq l-ammont kif hawn fuq ridott oltre l-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-14 ta' Marzu 2001.

Alan Calleja
Dep.Reg